MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-24 ta' Mejju, 2013

Numru. 304/2011

**Il-Pulizija**
**Spettur Malcolm Bondin**

**vs**

**Stephen Vella**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputat Stephen Vella ta’ 34 sena bin Joseph u Carmen nee’ Casha, imwieled Pieta’ nhar it-28 ta’ Settembru 1976, residenti 74, Joecarm, Triq it-Tin, Qormi u detentur tal-karta tal-identita’ numru 502876 (M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Fl-14 ta’ Frar 2011 ghal habta tal-4.30 am gewwa Flat 10, Block A, Triq Bertha K.IIg, San Giljan;

1. Dolozament, bil-hsieb li joqtol lil Sandra-Lee Camenzuli jew li jqieghed il-hajja taghha f'periklu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni w ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwiet minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' ta' l-imputat;

2. Fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi kkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Sandra-Lee Camenzuli, skond kif iccertifika Dr. Valerio Vella Catalano M.D;

3. Fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli ghad-detriment ta' Sandra-Lee Camenzuli, liema hsara ma tiskorrix il-valur ta' elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin euro centezmi;

4. Fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi ingurja u/jew hedded lil Sandra-Lee Camenzuli;

5. Fl-istess jum ghal habta ta' 6.30am, gewwa Triq Claire E.Engel, San Giljan ingurja u/jew hedded lil Anthony Camenzuli;

6. Fl-istess data, hinijiet, lok u cirkostanzi kiser il-provedimenti ta' sentenza sospiza moghtija fil-konfront tieghu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. L. Quintano LLD datata 1 ta' Lulju 2008 liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tinbidel.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex, f'kaz ta' htija flimkien jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, tipprovdi ghas-sigurta ta' Sandra-Lee Camenzuli u/jew ghaz-zamma ta' l-ordni pubblika, u/jew ghall-iskop ta' protezzjoni tal-persuni lezi u/jew ta' individwi ohra minn fastidju w/jew imgieba ohra li tikkaguna biza' ta' vjolenza, billi tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-akkuzat ai termini ta' l-Artiklu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 25 ta' Mejju 2012 (esebita a fol. 215 tal-process) fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

a. fl-artikoli 41 (1)(b), 211(1)(2), 214 u 216(1)(a)(i) u 222(1)(a) bl-applikazzjoni tal-Artikolu 202(h)(v)(vi) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b. fl-artikolu 221 u 222(1)(a) bl-applikazzjoni tal-Artikolu 202(h)(v)(vi) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c. fl-artikolu 325 (1)(b)(c)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d. fl-artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
e. fl-artikolu 28B u 28C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
f. fl-artikoli 383, 384, 386 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
g. fl-artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li l-imputat waqt l-udjenza tat-8 ta' Gunju 2012 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Rat in-Noti ta'Sottomissjonijiet finali prezentati mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.
Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghal dan il-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. Fl-14 ta' Frar 2011 ghall-habta tal-4.30am il-Pulizija tal-Ghassa ta' San Giljan ircevew rapport anonimu li fi Flat 10, Block A, Triq Bertha K.Ilg., San Giljan kienet qed tinstema' mara qed tghajjat ghall-ghajnuna. Meta accedew fuq il-post PC502 Clifford Frendo[1] u PC781 Anthony Zammit[2] dawn sabu lill-imputat fil-komun tal-blokk appartamenti qed inizzel xi basktijiet bl-oggetti

[1] Li xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tas-27 ta' Jannnar 2012
[2] Li wkoll xehed waqt l-udjenza tas-27 ta' Jannar 2012.

personali tieghu fil-vettura u huwa qalilhom li kien ghadu kemm kellu xi jghid mal-partner tieghu Sandra Camenzuli u kien ser jitlaq minn fuq il-post. Il-Pulizija setghu jaraw li huwa kellu xi grif superficjali f'wiccu. Waqt li kienu qed ikellmu li Stephen Vella, Sandra Camenzuli fethet il-bieb tal-appartament u hi wkoll allegat li hi u l-partner taghha kien ghad kemm kellhom xi jghidu u bdiet tallega wkoll li l-imputat kien kisrilha xi affarijiet filwaqt li dan tal-ahhar beda' jghid li kien ghad fadallu television fl-appartament. Il-Pulizija taw struzzjonijiet lill-imputat u lil Sandra Camenzuli sabiex imorru il-policlinic u jipproducu certifikat mediku rigwardanti l-griehi minnhom sofferti. Mix-xhieda ta' PS 1492 Joseph Pace[3] jirrizulta li meta l-imputat ha c-certifikat mediku l-Ghassa huwa talab lil Pulizija jintervjenu ghaliex kien halla xi somma flus fl-appartament ta' Camenzuli u meta Sandra Camenzuli marret l-Ghassa bir-rapport u gie kkonstatat li hija kellha marki madwar ghonqha u kien f'dan l-istadju li meta hija regghat giet mistoqsija x'kien gara infurmat lil Pulizija li l-imputat kien l-ewwel prova jifgaha permezz ta' mhadda u mbaghad qaccat wire tat-telephone u dawwarulha m'ghonqha.

Sandra Camenzuli xehdet f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-24 ta' Frar 2011 fejn spjegat li kienet ilha tghix mal-imputat ghal madwar seba' snin u li dakinhar tal-incident in dizamina kienet iddecidiet li titilqu minhabba l-agir stramb tieghu tal-gimghatejn ta' qabel fejn skond hi beda' jagixxi b'dan il-moghod minhabba xi pilloli li preskrivielu t-tabib u li kien qed jiehu. Din ix-xhud qalet li malli nfurmat lill-imputat dwar id-decizjoni taghha huma bdew jargumentaw u huwa ta erba' daqqiet b'idejh f'rasha u hija harget fil-gallarija u bdiet tghajjat sakemm l-imputat gibidha minn rasha u tefaghha fuq is-sodda u pogga l-imhadda fuq wiccha ghal ftit sekondi. Hija tghid li bdiet taghtih bis-sieq u tigirfu u meta dahlet f'kamra ohra bdiet iccempel u l-imputat qaccat il-wire tat-telephone u dawru m'ghonqha wkoll ghal ftit sekondi. Sandra Camenzuli spjegat li l-imputat waqaf minn jeddu u mal-ewwel telaq il-wire u telaq l'hemm. Hija qalet li kienet qed tahfirlu ghal dak kollu li kien gara. Il-griehi sofferti minn Camenzuli gew

[3] Li xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-24 a' Frar 2011

certifikati mill-espert Dr. Mario Scerri, nominat mill-Magistrat Inkwirenti, kif ukoll mit-tabib li ezaminaha l-policlinic [4] bhala ta' natura hafifa.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat irrilaxxja zewg stqarrijiet[5] fejn ikkonferma li kien inqala' argument bejnu u bejn Sandra Camenzuli u li huma gew fl-idejn fejn hija bdiet kontinwament tipprovokah bhal ma taghmel dejjem u din id-darba kien iddecieda li jitlaq darba ghal dejjem minn maghha. Huwa cahad li kien pogga mhadda fuq wiccha filwaqt li kkonferma li kien qaccat il-wire tat-telephone izda cahad li kien dawwar dan il-wire m'ghonqha. Huwa qal li meta mar sabiex jiehu l-kartiera mill-komodina sab li kien hemm il-flus tal-paga neqsin.

Ikkunsidrat:

Illi f'dawn il-proceduri l-Avukat Generali indika li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub fl-Artikoli 41(1)(b), 211(1)(2), 214 u 216(1)(a)(i) u 222(1)(a) bl-applikazzjoni tal-Artikolu 202(h)(v)(vi) u fl-Artikolu 221 u 222(1)(a) bl-applikazzjoni tal-Artikolu 202(h)(v)(vi) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. In kwantu jirrigwarda l-ewwel(1) u t-tieni(2) mputazzjoni u cioe' l-attentat ta' omicidju volontarju jew l-attentat li jikkaguna feriti ta' natura gravi mill-provi rrizulta li d-delitt ma giex esegwit minhabba li l-imputat waqaf minn rajh milli jikkonsma d-delitt. Dan jirrizulta minghajr ombra ta' dubju mix-xhieda ta Sandra Camenzuli u ghalhekk l-Avukat Generali gustament indika li tista' tinstab htija taht l-Artikolu 41(1)(b) tal-Kodici Kriminali. L-imsemmi Artikolu jistipula li l-piena applikabbli ghal persuna li tinstab hatja taht dan l-Artikolu hija l-piena stabbilita ghall-atti li l-persuna jkun lahaq ghamel, jekk dawn l-atti jkunu jikkostitwixxu delitt skond il-ligi. Fil-kaz odjern irrizulta mir-rapport tal-espert mediku Dr. Mario Scerri li Sandra Camenzuli sofriet griehi ta' natura hafifa u ghalhekk l-imputat jekk jinstab hati

[4] Vide certifikat mediku rilaxxjat minn Dr. Valerio Vella Catalan inserit a fol. 45 et sequitur tal-atti processwali.
[5] Inserita fol. 50 sa 55 tal-atti processwali.

ghandu jehel il-piena ndikata fl-Artikolu 221 tal-Kodici Kriminali. Issa fil-kaz odjern il-parti leza ddikjarat lli kienet qed tahfer lill-imputat ghal dak kollu li kien gara u kienet ghalhekk qed tirrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfronti tieghu. Fil-mori tal-kawza rrizulta li fil-fatt l-imputat u l-parti leza rrikonciljaw u regghu kienu f'relazzjoni. Il-Qorti taqbel ma dak sottomess mid-Difiza li una volta li l-parti leza rrinunzjat ghall-azzjoni kriminali u una volta li ai termini tal-Artikolu 41(1)(b) l-imputat jista' jehel piena ghal dak li lahaq ghamel u cioe' il-griehi ta' natura hafifa volontarji l-procediment ghandu jitqies bhala ezawrit stante li l-azzjoni titmexxa bil-kwerela tal-parti leza. Fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha l-Prosekuzzjoni rriteniet li l-imputat ghandu jinstab hati taht l-Artikolu 216(1)(a)(i) minhabba l-fatt li bl-atti li ghamel seta' gab perikolu ghall-hajja ta' Sandra Camenzuli izda f'dan ir-rigward il-Qorti tirrileva li sabiex jista' jitqies li jissussisti r-reat indikat hija l-ferita li tkun trid tesponi lill-vittma ghal tali perikolu u mhux l-att innifsu.

Il-parti leza ser titqies li rrinunzjat ukoll ghat-tielet(3) imputazzjoni u cioe' dik rigwardanti l-hsara volontarja u dan ghaliex ma giex stabbilit x'kien il-valur tal-hsara kagunata u ghalhekk dan ser jitqies li kien anqas mill-ammont inidkat fl-Artikolu 325(1)(d) u ghalhekk huwa applikabbli it-tielet proviso tal-istess Artikolu 325 (1).

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ma jistghax jinstab hati tal-hames(5) imputazzjoni stante li mix-xhieda ta' Anthony Camenzuli[6] jirrizulta biss li l-imputat mar wara l-bieb tad-dar tieghu u beda' jghid li bint Camenzuli kellha taghtih il-flus. Il-Qorti jidrilha li dan ma jammonta la ghal ingurja u l-anqas ghal theddid.

Ghal dawn il-motivi u stante r-rinunzja tal-parti leza Sandra Lee Camenzuli l-Qorti tiddikjara l-procediment ezawrit in kwantu jirrigwarda l-ewwel(1), it-tieni(2), it-tielet(3) u r-raba'(4) mputazzjoni migjuba fil-konfronti tal-

[6] Li xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-24 ta' Frar 2011.

imputat u konsegwentement tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess imputazzjonijiet. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-hames(5) imputazzjoni u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjoni. Stante li ma nstabitx htija in kwantu jirrigwarda l-ewwel hames imputazzjonijiet l-imputat l-anqas ma jista' jinstab hati tas-sitt(6) imputazzjoni fejn qed jigi akkuzat li kiser il-provvedimenti tas-sentenza sospiza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------